Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Novembru 2017
(OR. fr)

14776/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0130 (COD)

CODEC 1893
SOC 748
EMPL 568
SAN 440
IA 195

## NOTA PUNT "I/A"

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fit-13 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 153(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Settembru 2016[2]. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-25 ta' Ottubru 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għandu għalhekk ikun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

[1] dok. 8962/16.
[2] ĠU C 487, tat-28.12.2016, p. 113.
[3] dok. 13570/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif mogħtija fid-dokument PE-CONS 45/17.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.